MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2010

Numru. 1099/2010

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Borg)
vs
Eman Zammit, iben Carmelo, imwieled Pieta' fid-29 ta' Ottubru, 1979, Karta ta' l-Identita numru 506579(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
a. talli fit-22 ta' Ottubru, 2010, għal ħabta tat-8.00 p.m., fil-waqt li kien ġewwa l-għassa ta' Ħaz-Zabbar, bi vjolenza u b'theddid ġagħal lill-PS1576 Simon Grech u PC393 Sean Paul Chetcuti, bħala uffiċjali pubbliċi li jagħmlu jew ma jagħmlux xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-kariga tagħhom;
b. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, fil-waqt li kien ġewwa l-għassa ta' Ħaz-Zabbar, attakka jew għamel rezistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma tieqiesx

vjolenza pubblika kontra l-persuna ta’ PS1576 Simon Grech u PC393 Sean Paul Chetcuti, bħala persuni nkarigati skkont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jaġixxu fl-esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita’ kompetenti;

c. tali fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, fil-waqt li kien ġewwa l-għassa ta’ Ħaz-Zabbar u aktar tard, fil-waqt li kien qed jiġi skortat lejn il-‘lock up’ tal-pulizija, inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta’ PS1576 Simon Grech u PC393 Sean Paul Chetcuti, bħala persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qqed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezza jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

d. tali fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, fil-waqt li kien ġewwa l-għassa ta’ Ħaz-Zabbar, volontarjament, ikkawża ġrieħi ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ PC393 Sean Paul Chetcuti, bħala persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħti skont il-liġi minn awtorita’ kompetenti skont kif iċċertifikat Dr. Lara Attard M.D. taċ-Ċentru tas-Saħħa ta’ Raħal Ġdid;

e. talli fil-waqt li kien qed jinzamm ġewwa l-gĦassa ta’ Ħaz-Zabbar ħarab mill-kustodja tal-pulizija;

f. tali fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, fil-waqt li kien ġewwa l-għassa ta’ Ħaz-Zabbar, ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallhiex jew fixkel waqt li l-pulizija kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom;

g. talli fl-istess ċirkkostanzi, fil-waqt li kien fi Triq il-Ħortan, ġewwa Wied il-Għajn, u aktar tard, fl-istess ġurnata, fil-waqt li kien fl-għassa ta’ Ħaz-Zabbar, volontarjament kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b’għajjat u ġlied;

h. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, fil-waqt li kien fl-għassa ta’ Ħaz-Zabbar qal kliem oxxen, indeċenti u dagħa;

i. tali fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, fil-waqt li kien ġewwa l-għassa ta’ Ħaz-Zabbar, ħebb kontra l-persuni ta’ Renee Cachia u bintha Samantha Cassar sabiex jinġurjhom jew jagħmel ħsara lill-istess;

j. tali fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, fil-waqt li kien ġewwa l-għassa ta' Ħaz-Zabbar, inġurja u hedded bil-mewt lil Renee cachia u bintha Samantha Cassar;
k. talli sar reċidiv skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenzi mogħtija minn Qrati differenti, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;
l. talli kkometta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-8 ta' Frar, 2007 ;
m. talli kiser Ordni ta' Probation mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'sentenza tat-8 ta' Frar, 2007.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta tal-persuna hawn fuq indikati.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.
Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni skont l-artikolu 412(Ċ) tal-Kodiċi Kriminali, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta' l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet ix-xhieda ta' Renee Cachia u Samantha Cassar fejn iż-żewġ xhieda qalu li l-imputat ma għamel xejn fil-kontront tagħhom.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Novembru, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat is-sentenza tat-8 ta' Frar, 2007 fejn l-imputat ġie ikkundannata għal piena ta' sentejn priġunerija liema piena ġiet sospiża għal erba' snin.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi (i) u (j) miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali

akkużi.  Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha.  Rat l-artikoli 49, 50, 95, 96, 221(1), 151 u 338(bb)(dd)(ee) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ sena u tlett xhur priġunerija.  Minbarra dan, rat is-sentenza hawn fuq imsemmija.  Rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna li s-sentenza tat-8 ta’ Frar, 2007 tiġi fis-seħħ u għalhekk l-imputat għandu jiskonta l-piena ta’ sentejn priġunerija.  Fiċ-ċirkostanzi ta’ dan il-każ mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikoli 383, 384, 385 u 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------